Ħelow.
Ħelow Sinjur, qed inċempel minn Melita.
X'jismek? Melita?
Le le, jisimni Kim Muscat. Imma naħdem mal-Melita. Aħna kumpanija tat-telekomunikazzjoni, u nixtieq nagħmillek offerta.
Hm, għidli. Imma dan huwa l-mowbajl tax-xogħol.
U għandek ukoll mowbajl personali?
Iva. Minuta, jiena miegħek! Għaliex qed iċċempilli?
Peress li għandna offerta vera tajba għalik.
Diġà għandi mowbajl, imma għadni m'għandix televixin lanqas internet fuq il-kompjuter.
Tal-biża'! Kif tgħix hekk?
Kieku t-tfal tiegħi jgħixu bla televixin u internet, jiena ferħan. Imma, ġieli jkollna bżonn tal-internet, jiġifieri, meta jagħmlu x-xogħol tad-dar, għall-iskola, pereżempju.
Ta' lanqas, għandek mowbajl.
Iva, u x'inhi l-offerta tiegħek?
Irrid nipproponilek abbonament bi skont, jiġifieri l-ewwel tlett xhur huma b'xejn.
Tal-ġenn, din! U hu abbonament għalfejn?
Ovvja, għall-mowbajls biss.
U jkolli nżomm l-abbonament li għandi issa?
Le, mhux se żżomm dan. Se nibgħatlek l-offerta tiegħi, u tista' taqra l-kundizzjonijiet kollha.
Grazzi, se nħares lejn l-offerta tiegħek.
Narak sinjur.
Narak.

© AdR More Maltese on https://learnanylanguages.com/maltese/